# Arma ġdida għall-parroċċa ta' Ħad-Dingli

**Fit-22 ta' Awwissu 2015, l-Arċisqof Monsinjur Charles J. Scicluna ddikjara li l-parroċċa ta' Ħad-Dingli hi Arċipretali, l-ewwel waħda li ġiet mogħtija dan it-titlu fl-episkopat tal-Arċisqof Scicluna. Wara dan il-mument storiku, l-Arċipriet Dun Ewkarist Zammit ikkummissjona lis-saċerdot u artist Għawdxi, Dun Roberto Gauci, biex jiddisinja arma araldika għall-istess parroċċa. L-arma ġiet inawgurata nhar is-Sibt 20 ta' Awwissu 2016, lejlet il-festa titulari ta' Santa Marija, u tinsab imnaqqxa fuq lapida kommemorattiva fil-faċċata tal-knisja. F'dan l-artiklu, DUN ROBERTO GAUCI jispjega fid-dettall it-tifsira tal-aspetti differenti li jiffurmaw l-arma araldika tal-parroċċa Arċipretali ta' Santa Marija ta' Ħad-Dingli.**



*Dun Roberto Gauci*

L-araldika hija arti antika u nistgħu ngħidu li hija ġabra ta' sinjali li jiddeskrivu persuna, soċjetà jew grupp. Anke fil-knisja, sa mis-seklu ħdax, l-araldika ġiet użata minn papiet, kardinali u isqfijiet, imma wkoll minn entitajiet, bħala sinjal viżibbli tal-personalità tagħhom. Ninnutaw li fi żmienna jidher li hawn qawmien tal-araldika, anke fil-kamp ekkleżjastiku, fejn din l-arti qed tqanqal dejjem aktar interess, riċerka u wkoll innovazzjoni. It-tendenza ta' żmienna hija dik tar-ritorn għall-oriġinalità u s-sempliċità medjevali, wara żmien li fih l-araldika ġiet spiss imtappna minn disinji tqal u ornamenti goffi, li tawha impressjoni ta' xi ħaġa medjokri u konfuża.

Jidher li din it-tendenza qabdet art meta wieħed jara armi ta' isqfijiet, kardinali u papiet, magħmulin b'ċerta eleganza u sengħa, xi drabi anke b'ħila artistika notevoli. Ma tonqosx xi froġa, frott in-nuqqas ta' għarfien tar-regoli araldiċi, jew minħabba armi li jkunu tqal fil-kompożizzjoni li flok jattiraw, jgħejju l-għajn. Imma ma naħsibx li din hija regola ġenerali. Innovazzjoni interessanti li dieħla f'ħafna bnadi hija dik li mhux biss il-persuni qed jadottaw armi araldiċi, imma wkoll entitajiet, fosthom ukoll il-parroċċi u dekanati.

Meta l-Arċipriet tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli, Dun Ewkarist Zammit, talabni biex naħseb għal arma tal-parroċċa, jien ilqajt din l-isfida bi pjaċir. Mhux l-ewwel darba li dħalt għal xogħol bħal dan, anke għax l-interess tiegħi fl-araldika jmur lura fis-snin tat-tfulija tiegħi. Imma kull darba li tidħol għal biċċa xogħol bħal din hija sfida ġdida, għax f'arma trid tiġbor b'mod simboliku, sintetiku u eleganti xi ħaġa li tirrappreżenta lil min juża dik l-arma. Fil-każ ta' parroċċa, il-ħaġa tkun aktar kumplikata peress li kif ngħidu mitt bniedem mitt fehma. F'dak il-każ trid verament tilħaq kunsens bejn diversi gosti u fehmiet, biex tkun arma li tirrapreżenta lil kulħadd.

Dak li jiena xtaqt nagħmel hu li noħloq arranġament oriġinali li mal-ewwel daqqa t'għajn jidentifika ruħu mal-komunità. Għalhekk eskludejna li ndaħħlu elementi li tarahom kullimkien, bħalma hija n-*Nome di Maria*, biex hekk ikollna arma li tiddistingwi ruħha. Minbarra dan, l-ittri ma tantx huma

propjament elementi araldiċi, għalkemm huma pjuttost komuni dan l-aħħar. Wara ftit ħsieb, jien ispirajt ruħi minn żewġ sorsi marbuta ma' Ħad-Dingli: l-ilwien aħmar u ikħal meħuda mill-arma tar-raħal, u elementi simboliċi li jidhru fl-istatwa titulari. Għal xhur sħaħ kont f'kuntatt mal-Arċipriet, jien inħejji d-disinni u hu jibgħatli l-kummenti tiegħu u ta' oħrajn. B'xorti tajba stajna wkoll nieħdu ż-żmien tagħna, biex hekk kollox isir bil-qies u bil-ħsieb. Fl-aħħar wasalna għal verżjoni finali, li qaluli li ġiet aċċettata u apprezzata.




*L-arma l-ġdida tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli*

L-arma l-ġdida tal-parroċċa ta' Santa Marija ta' Ħad-Dingli hija ispirata mit-titular tal-parroċċa, li huwa dak tat-tlugħ fis-sema tal-Imqaddsa Marija Omm Alla. Permezz ta' simboli u sinjali, l-arma turi r-rabta li għandha l-komunità nisranija f'dan ir-raħal ma' dan il-misteru. It-tarka hija maqsuma f'żewġ kompartimenti permezz ta' linja li teknikament tissejjaħ *chevron*, forma ta' V maqluba. Iż-żewġ kompartimenti jippreżentaw l-ilwien aħmar u ikħal li huma wkoll marbuta mar-raħal ta' Ħad-Dingli, kif jidher fl-arma tal-istess lokalità.

Il-parti ta' isfel hija fuq sfond ikħal. L-ikħal huwa l-kulur tas-sema, u fl-ikonografija nisranija jfakkarna fil-bniedem, għax il-bniedem li jgħix fid-dinja għandu is-sejħa li jidħol fl-għamara ta' Alla li hija simbolikament fis-sema. Din is-sejħa hija mwettqa b'mod sħiħ fil-Madonna, għax hija diġà tinsab b'mod sħiħ fil-glorja tas-sema bir-ruħ u l-ġisem. Fuq dan l-isfond ikħal jidhru l-qabar miftuħ (jew sarkofagu, kif jidher fl-istatwa titulari) lewn id-deheb, u minnu ħierġa kewkba ta' tmien ponot lewn il-fidda. Dawn is-sinjali jfakkruna fil-misteru tal-assunzjoni ta' Marija. Il-qabar miftuħ u vojt huwa sinjal li hija għaddiet mill-mewt għal ħajja ġdida fi Kristu. Il-kewkba ta' tmien ponot hija sinjal ta' Marija li hija l-kewkba ta' filgħodu. Kif il-kewkba ta' filgħodu tħabbar li tlugħ ix-xemx huwa fil-qrib, hekk ukoll Marija mtella' fis-sema tħabbrilna li aħna wkoll, bħalha, għad nidħlu f'ħajja ġdida fi Kristu. It-tmien ponot huma sinjal tat-tmien jum: jekk iż-żmien ta' issa huwa mqassam fuq ġimgħa ta' sebat'ijiem, it-tmien jum huwa figura tal-ħajja eterna, lil hinn miż-żmien ta' issa.

Il-parti ta' fuq għandha sfond aħmar, u l-aħmar għall-kristjani tal-ewwel millenju kien sinjal tal-ħajja divina. L-aħmar hu l-lewn tad-demm, u fl-iskrittura nsibu li fid-demm hemm il-ħajja li ġejja minn Alla, u allura l-aħmar ifakkarna f'Alla. Fuq dan l-isfond jidhru żewġ fjuri: il-ġilju lewn il-fidda u l-warda dehbiena. Dawn l-elementi huma wkoll meħuda mill-istatwa titulari tal-parroċċa, fejn jidhru żewġ anġli jġorru dawn is-sinjali. Fl-Għanja tal-Għanjiet, l-għarusa titkellem hekk dwarha nnifisha: "Jiena r-ranġisa ta' Saron, il-ġilju tal-widien." (2:1) U l-għarus iwieġeb: "Bħal ġilju qalb ix-xewk, hekk hi l-maħbuba tiegħi fost ix-xebbiet." (2:2) Mela l-ġilju huwa sinjal tas-safa ta' Marija, li għalkemm għexet qalb ix-xewk tal-ħażen tad-dinja ma ġiet qatt mirbuħa minnu. Ir-ranġisa, tradotta wkoll bħala warda f'xi verżjonijiet tal-Bibbja, hija sinjal tal-imħabba tal-għerusija, imħabba li ssir għotja sħiħa lill-maħbub. Allura dawn iż-żewġ simboli jfakkruna fil-virtujiet li bihom hija mżejjna l-Omm ta' Alla, frott l-għaqda sħiħa u perfetta tagħha ma' Kristu binha.

It-tarka hi akkumpanjata minn elementi esterni, propji tal-araldika ekkleżjastika. Peress li l-parroċċa ta' Ħad-Dingli ġiet mgħollija għad-dinjità arċipretali, l-elementi esterni huma dawk propji ta' saċerdot li għandu it-titlu ta' arċipriet. Hija tradizzjoni pjuttost komuni li fl-araldika ekkleżjastika, il-persuni

kollettivi, bħal ngħidu aħna monasteri jew kapitli ta' kanonċi, jiddekoraw l-arma bl-insinji ta' dak li jmexxi dik l-istituzzjoni. Għalkemm din mhix regola ġenerali u lanqas ma hi prattikata kullimkien, hemm bosta eżempji, anke f'pajjiżna stess, fejn l-arma tal-parroċċa hija dekorata bl-insinji araldiċi tal-kurat (jew kif insibuh aħna, il-kappillan) tagħha. Peress li fil-każ tagħna, il-kurat għandu t-titlu ta' Arċipriet, allura l-arma tal-parroċċa mmexxija minnu turi l-elementi dekorattivi li huma proprji għalih.


*L-istatwa titulari ta' Ħad-Dingli*

Mhux dejjem huwa faċli li wieħed jasal għal konklużjoni ċara u definita liema huma l-elementi araldiċi ta' Arċipriet, għax fuq dan ma hemmx regoli definiti, imma biss tradizzjonijiet li jistgħu xi drabi jvarjaw minn post għal ieħor. Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li t-titlu ta' Arċipriet, fil-medjuevu kien marbut ma' uffiċċju ta' ċertu importanza u ġurisdizzjoni. L-Arċipriet kien ikun qassis li jmexxi xi parti minn djoċesi f'isem l-Isqof, jew inkella jirrappreżentah meta jkun nieqes. Bejn wieħed u ieħor nistgħu nqabblu dan l-uffiċċju ma' dak tal-Vigarju Ġenerali fi żmienna. Għalhekk il-knejjes jew parroċċi l-aktar importanti, l-aktar dawk li minnhom kienu jiddependu knejjes oħra, kienu jkunu mmexxija minn saċerdot li jissejjaħ Arċipriet, li kien iħaddem fuqhom setgħa ġuridika. Maż-żmien, din il-kariga tilfet l-importanza tagħha u baqgħet biss titlu onorifiku, marbuta l-aktar ma' knejjes jew parroċċi li għandhom ċertu qedem jew importanza.

Minkejja li dan it-titlu llum huwa sempliċiment onorarju, u ma jġorr ebda setgħa ġuridika aktar minn kull kurat ieħor, naħseb li wieħed irid jagħti każ ukoll tal-isfond storiku ta' dan it-titlu. Għalhekk naqbel ma' dawk l-awturi li huma tal-opinjoni li saċerdot bit-titlu Arċipretali jista' jġorr insinji li juru ċerta ġurisdizzjoni, minkejja li din mhix reali, imma biss marbuta mal-istorja ta' dan it-titlu. Għalhekk wasalna għall-konklużjoni li l-arma tal-parroċċa Arċipretali ta' Ħad-Dingli tiġi dekorata bil-kappell ekkleżjastiku iswed, b'sitt ġmiemen kull naħa tal-istess lewn. Il-kappell iswed juri l-ordni presbiterali, filwaqt li l-ġmiemen jindikaw il-grad. Sitt ġmiemen kull naħa, fil-każ ta' saċerdot juru l-għola grad ta' ġurisdizzjoni 'l isfel minn dik tal-isqof. Fil-fatt, dawn l-insinji huma wkoll proprji tal-Vigarji Ġenerali li m'għandhomx l-ordinazzjoni episkopali. Nisħaq fuq il-fatt, li fil-każ tagħna, din il-ġurisdizzjoni ma teżistix fir-realtà, imma sempliċiment tindika l-istorja marbuta ma' dan it-titlu onorifiku. Minbarra dan l-argument, minn riċerka li għamilt, jidher li f'pajjiżna diversi Arċipreti fil-passat użaw dawn l-insinji, u allura hemm ukoll preċedent marbut mat-tradizzjoni lokali.

L-aħħar element tal-arma huwa l-motto, li huwa speċi tal-ideal jew ispirazzjoni ta' min iġorr l-arma. Il-*motto* magħżul mill-parroċċa ta' Santa Marija ta' Ħad-Dingli huwa BEATA QUAE CREDIDIT;




*L-arma mnaqqxa fuq lapida kommemorattiva fil-faċċata tal-knisja Arċipretali ta' Ħad-Dingli*

"Ħienja dik li emmnet" (Lq 1;45). Dan huwa l-kliem li qalet Eliżabbetta lil Marija meta marret iżżurha fid-dar tagħha. Marija hija ħienja, u fil-fatt igglorifikata fis-sema, għax hija emmnet u għexet dak li l-Mulej riedha tkun. Il-misteru tat-tlugħ tagħha fis-sema huwa intimament marbut mal-fidi u r-rabta tagħha mar-rieda tal-Mulej. Jekk din ir-rabta tagħha ma' Kristu kienet daqshekk sħiħa u perfetta f'ħajjitha, hija stħaqqilha wkoll li jkollha glorja sħiħa, bir-ruħ u l-ġisem, fis-sema ma' Binha rxuxtat u rebbieħ fuq il-mewt. Il-*motto* jista' jkun ukoll ispirazzjoni sabiħa għall-komunità parrokkjali li għamlitu tagħha: komunità ħienja u mimlija bil-barka hija dik il-komunità fejn hemm fidi ħajja u rabta ma' Kristu. Il-komunità li tfittex li tikber fil-fidi bis-smigħ tal-Kelma ta' Alla, biċ-ċelebrazzjoni tal-kult imqaddes u fil-qadi tal-aħwa, hija komunità li bħal Marija tagħmel esperjenza tal-hena u l-barka ta' Alla, mhux biss fiż-żmien ta' issa, imma wkoll fil-ġejjieni etern tal-ħajja ta' dejjem.

*Charlie and Janet welcome you to:*

**The Village Confectionery**

Cakes and gateaux with pictures • Pastizzi - Pizza - Pies
Milk and Bread • Daily needs and frozen foods • Soft drinks, beers, wines & spirits
Orders for parties taken here

Opening hours: Mon - Sat : 07.00 - 21.00 | Sunday : 07.00 - 18.00

**MAJJALATA B'RISQ IL-BRIJU TAL-MARĊ TA' FILGĦODU**
**L-ERBGĦA 16 T'AWWISSU 2017**
F'MISRAĦ ĠUŻÈ ABELA MIT-8.30 P.M. 'IL QUDDIEM





KUMITAT FESTA ESTERNA
GĦAQDA MUŻIKALI SANTA MARIJA DINGLI – AD1985
ŻGĦAŻAGĦ BRIJUŻI DINGLIN

BILJETTI MINGĦAND L-GĦAQDIET. KULĦADD MISTIEDEN.
*MISTEDNIN SPEĊJALI RENATO U MIKE SPITERI*